# Department of Health and Ageing
# (Dipartiment tas-Sahha u l-Anzjanità)

## Skema tal-Vizitaturi Komunitarji

## Manwal tal-Vizitaturi

## Ir-Raba' Edizzjoni 2002

The Community Visitors Scheme Handbook – Maltese (Malti)

Commonwealth Department of
Health and
Ageing

© Commonwealth of Australia 2002

ISBN: 0 642 50383 4

Dan ix-xoghol huwa d-dritt tal-awtur. Barra mill-uzu permess skond l-Att tal-Privattiva 1968, l-ebda parti ma tista' tkun riprodotta bl-ebda process minghajr il-permess bil-miktub minn qabel, mill-Commonwealth, li jista' jinkiseb mis-Servizzi tal-Informazzjoni (Information Services). Talbiet u mistoqsijiet li jirrigwardjaw ir-riproduzzjoni u d-drittijiet ghandhom ikunu indirizzati lill-Manager, Copyright Services, Information Services, GPO Box 1920, Canberra ACT 2601 jew bl-e-mail Cwealthcopyright@finance.gov.au.

Numru tal-approvazzjoni ghall-Pubblikazzjoni: 2994

# Kontenut


X'inhija l-Iskema tal-Vizitaturi Komunitarji? 2

X'inhuwa l-Vizitatur Komunitarju? 3

Lil Min Izuru l-Vizitaturi Komunitarji? 3

Kemm-il Resident Izur il-Vizitatur Komunitarju? 4

Kif Jghaddu l-Hin taz-Zjara? 4

X'Jista' Jaghmel il-Vizitatur Komunitarju 4

X'ma jistax jaghmel il-Vizitatur Komunitarju 5

Privatezza, Konfidenzjalità u Dinjità 6

Arrangamenti Amministrattivi 6

X'Ghandi Naghmel Jekk Inkun Irrid Nieqaf miz-Zjajjar? 7

X'Taghmel fid-Diffikultajiet 7

Dmir Legali u Inxurans 8

Relazzjonijiet mal-Impjegati tad-Dar 8

Minn Fejn Nista' Nikseb Sapport jew Iktar Taghrif? 9

Nota ta' Ftehim 10

# X' inhija l-Iskema tal-Vizitaturi Komunitarji?

L-iskema tal-Vizitaturi Komunitarji (CVS) hija programm, finanzjat mill-gvern federali, li nholoq biex jippromwovi r-rabtiet bejn dawk li jghixu f'dar ta' kura ghall-anzjani u l-komunità l-kbira.

Is-CVS ghandha l-mira li ttejjeb il-kwalità tal-hajja tar-residenti fid-djar tal-kura ghall-anzjani, li jkunu socjalment izolati jew ihossuhom wahedhom – kemm minhabba ragunijiet socjali u kulturali kif ukoll minhabba xi dizabbiltà. Meta tithabbeb ma' persuna anzjana li toqghod f'dar ta' kura ghall-anzjani, jkollok ic-cans li taghmel differenza fil-hajja taghhom - u tieghek stess.

L-Iskema hija finanzjata mill-Gvern Federali, li jipprovdi ghotjiet lill-organizzazzjonijiet diversi bazati fil-komunità, maghrufa bhala patronati, biex jamministraw l-Iskema. Kull patronat ghandu Kordinatur tal-Iskema tal-Vizitaturi Komunitarji. Il-Kordinatur huwa responsabbli:

- ghar-reklutagg tal-vizitaturi u biex iqabbadhom mar-residenti;
- biex jara li l-vizitaturi huma orjentati u biex jipprovdilhom is-sapport;
- biex jipprovdi tahrig u taghrif;
- ghall-maniggar tax-xoghol ta' kuljum tas-CVS; u
- biex izomm kuntatt kontinwu mad-djar tal-kura ghall-anzjani dwar il-htigiet tar-residenti ghal Vizitaturi Komunitarji u l-progress tal-Vizitaturi Komunitarji prezenti.

Id-Djar tal-kura ghall-anzjani jidentifikaw lir-residenti li jkunu tajbin ghall-iskema skond il-linji gwida ghall-ghazla tal-gruppi. Il-membri tal-familja jew ohrajn jistghu javvicinaw lid-dar jekk ikunu jafu b'xi residenti li jistghu jibbenefikaw mill-kumpanija. Id-dar imbaghad tikkuntattja lill-patronat tas-CVS li jkun jaqbel. Il-Kordinatur tas-CVS iqabbel lir-residenti mal-vizitatur komunitarju addatt billi jkunu kkunsidrati affarijiet bhal interessi, namriet, lingwa jew sfond komuni.

Dan il-manwal jaghtik idea generali tar-rwol tal-vizitatur komunitarju. Il-Kordinatur tieghek jaghtik izjed ghajnuna u sapport. Inti ghandek tiddiskuti mal-Kordinatur tieghek kull dubju jew thassib li jista' jkollok.

## X' inhuwa l-Vizitatur Komunitarju?

Il-Vizitatur Komunitarju huwa persuna li twarrab il-hin, talanqas darba kull hmistax, biex izzur u tithabbeb ma' resident ta'dar tal-kura ghall-anzjani. F'kull komunità kif ukoll f'dar tal-kura ghall-anzjani, nsibu nies ta' bosta sfondi kulturali u varji u ghalhekk jintlaqghu b'merhba l-vizitaturi komunitarji mill-isfondi kollha.

Bhala vizitatur komunitarju tiltaqa' mal-Kordinatur tal-patronat. Huwa jew hija jassessjaw kemm tkun taqbel ghar-rwol ta' vizitatur. Il-Kordinatur jispjega xi jkun mistenni minnek u jitolbok xi dettalji personali ghar-registru taghhom. Il-Kordinatur jista' jsaqsik xi mistoqsijiet jew jitolbok timla kwestjonarju dwar l-interessi u l-isfond tieghek. Dan jghin biex iqabblek ma' resident. Il-Kordinatur jispjega wkoll il-proceduri amministrattivi mehtiega biex tkun vizitatur.

Iz-zjajjar tieghek lir-resident ghandhom ikunu regolari, ghalkemm jistghu jinqalghu cirkustanzi meta ma tkunx tista' tmur kull hmistax, per ezempju minhabba l-mard jew xi btala. Jekk ma tkunx tista' taghmel iz-zjara, jista' jkun li tkun trid tibghat kartolina jew nota, jew inkella taghmel telefonata minflok iz-zjara.

## Lil Min Izuru l-Vizitaturi Komunitarji?

Xi residenti fid-djar tal-kura ghall-anzjani m'ghandhomx kuntatt regolari ma qraba jew hbieb barra mid-dar tal-kura ghall-anzjani. F'xi kasijiet ir-residenti jkollhom zjajjar li minnhom, izda, ma jiehdu l-ebda gid. Ir-residenti jistghu jkunu izolati minhabba ragunijiet kulturali u jkun jiswielhom ta' gid jekk jghaddu ftit tal-hin ma' xi hadd li jifhimhom, jew li jista' jkellimhom bl-ilsien taghhom.

## Kemm-il Resident Izur il-Vizitatur Komunitarju?

Irid ikollok il-kunsens tal-kordinatur tieghek biex izzur iktar minn resident wiehed. Xi residenti jkollhom il-htiega li jhossu li l-vizitatur huwa "taghhom" biss. Il-Kordinatur tieghek jista' jirrangalek biex izzur resident f'dar ohra, jekk inti tkun trid izzur iktar minn resident wiehed.

## Kif Jghaddu l-Hin taz-Zjara?

Jiddependi minnek u mir-resident li zzur, tkunu tistghu tqattghu l-hin flimkien b'modi differenti. Tistghu toqoghdu bil-qieghda u titkellmu, tahdmu flimkien fuq xi namra jew tiddiskutu l-ahbarijiet lokali. Jekk ir-resident ikun kapaci tistghu tmorru ghal xi mixja jew harga flimkien. Huwa importanti hafna li tkun taf li r-residenti jistghu jkunu debboli u mhux attivi bhalma kienu xi darba. Ghandek titkellem mal-impjegati tad-dar qabel ma tippjana xi attività li tinhtieg energija iktar mis-soltu.

Xi residenti jistghu jkunu fis-sodda. Residenti ohrajn jista' jkollhom diffikultà biex jifhmu jew kapacitajiet iktar limitati fil-komunikazzjoni. Ghalkemm dawn id-difetti jistghu jillimitaw l-attivitajiet li tistghu taghmlu, xorta hemm hafna modi kif tistghu tgawdu l-hin flimkien. Tistghu taqraw xi ktieb, jew timmassaggja b' idejk lill-habib jew tisimghu l-muzika flimkien.

## X' Jista' Jaghmel Il-Vizitatur Komunitarju?

Bhala viziztatur komunitarju ttejjeb l-kwalità tal-hajja tar-resident billi ssir kumpann, persuna ta' fiducja u habib. Tistghu tghinu lir-residenti jhossuhom aktar involuti fil-komunità taghhom. Inti tista' taghti ghajnuna wkoll b'qadjiet ta' kuljum, bhal timposta ittri, jekk tkun trid u jekk dan ikun xieraq. Din ix-xorta ta' ghajnuna ghandha tkun bhal dik li habib aktarx li jaghti u biss jekk thossok komdu li tghin.

Is-CVS timmira li jirrnexxilha ttejjeb il-kwalità tal-hajja tar-resident. Dan jista' jinkludi zjieda fl-istima lejhom infushom u fis-sahha tar-residenti; tnaqqis fl-anzjetà, l-izolament u li jhossuhom inqas wahedhom; sens ta' rbit mal-komunità; u li jhossuhom iktar indipendenti.

## X' ma Jistax Jaghmel il-Vizitatur Komunitarju?

Ir-rwol tieghek ta' Vizitatur huwa sempliciment li tkun habib tar-resident. Hemm xi attivitajiet li, bhala vizitatur komunitarju, <u>inti m'ghandekx</u> taghmel. Inti m'ghandekx:

- tkun responsabbli biex tghasses l-istandards ta' kura moghtija fid-dar tal-kura ghall-anzjani;
- tinvolvi ruhek fl-affarijiet finanzjarji ta' xi resident;
- ikollok access ghar-records personali u tal-kura tar-residenti;
- tisfratta r-relazzjonijiet li jkun hemm bejn ir-residenti u l-impjegati, jew bejn ir-residenti u l-qafas socjali li jkun jezisti;
- tipprovdi kura personali jew medika lir-resident;
- tindahal jew tinvolvi ruhek fit-tmexxija ta' kuljum tad-dar tal-kura ghall-anzjani;
- tiehu post l-impjegati tal-attivitajiet, tat-terapija u l-infermiera; jew
- tinvolvi ruhek fl-investigazzjoni jew tiftix ta' soluzzjoni ghall-ilmenti.

Jekk waqt iz-zjajjar tieghek lir-residenti tibda tithasseb dwar xi aspett tal-kura taghhom, ghandek titlob parir minghand il-Kordinatur tieghek.

## Privatezza, Konfidenzjalità u Dinjità

Bhala vizitatur komunitarju, l-Kordinatur tieghek jghinek tifhem u tipprattika l-konfidenzjalità. Il-konfidenzjalità tinkludi l-harba mid-diskussjoni dwar id-dettalji personali tar-residenti ma' vizitaturi ohra jew fil-komunità. Il-privatezza tista' tinkludi z-zamma tal-konfidenzjalità u r-ripsett ta' dritt ir-residenti li jikkontrollaw l-kwestjonijiet li jqisu bhala personali. Per ezempju, ghandek tirrispetta d-dritt tar-residenti ghall-privatezza waqt li jkunu jilbsu, u ghandek tirrispetta d-dritt tar-residenti li ma jiddiskutux kwestjonijiet li ma jkunux jridu jiddiskutu.

Tghin fiz-zamma tad-dinjità jinkludi l-ghajnuna lir-residenti biex izommu l-istima lejhom infushom. Il-vizitaturi komunitarji ghandhom jagixxu b'mod li jghinu lir-residenti jirrispettaw lilhom infushom. Per ezempju, qabel ma tibda tghin f'xi xoghol saqsi lir-resident jekk ikunx irid l-ghajnuna.

## Arrangamenti Amministrattivi

Hemm numru zghir ta' htigiet amministrattivi ghal min ikun vizitatur komunitarju. L-ewwel fost dawn huwa l-iffirmar ta' Nota ta' Ftehim (Memorandum of Understanding). Dan irid isir qabel ma taghmel l-ewwel zjara tieghek. Dan sempliciment jaghmel formali r-rabta tieghek li zzur resident u jizgura li inti tifhem ir-responsabbiltajiet tighek skond is-CVS. Ezempju ta' din in-Nota ssibu fl-ahhar ta' dan il-ktieb. Din in-Nota ta' Ftehim tfasslet mid-Dipartiment tas-Sahha u l-Anzjanità – l-patronat tieghek seta' stampa tieghu, li jkollha l-istess kliem, izda li jista' jkollha dehra differenti minn dik tal-kopja li ssib f'dan il-manwal.

Jinhtieg li zzomm nota taz-zjajjar tieghek lir-resident u li taghti lista bid-dati taz-zjajjar tieghek lill-Kordinatur tieghek. Trid tgharraf lill-Kordinatur jekk ikun hemm xi accident jew incident waqt zjara lir-resident.

## X'Ghandi Naghmel Jekk Inkun Irrid Nieqaf miz-Zjajjar?

Jekk qed tahseb biex tieqaf miz-zjajjar, kemm ghal xi zmien jew ghal kollox, ghandek tgharraf, malajr kemm jista' jkun, lill-Kordinatur tieghek. Jistghu jaghtuk parir kif ghandek ittemm ir-relazzjoni u kif tipprova tirranga biex voluntier iehor izur lir-resident.

## X' Taghmel fid-Diffikultajiet

Jekk tiltaqa' ma' kwalunkwe xorta ta' diffikultà waqt xi zjara ghandek tkellem lill-Kordinatur tieghek. Huma jghinuk u jaghtuk it-taghrif li jista' jghin.

Xi residenti tad-djar tal-kura ghall-anzjani jistghu jmorru ghall-agharr f'sahhithom u fil-kapacitajiet taghhom. Xi residenti jista' jkollhom difetti fis-smiegh jew fil-vista; jew ikollhom diffikultà fil-kapacitajiet tal-memorja u tal-lingwa. Xi kundizzjonijiet, bhat-telfien tal-memorja, jistghu jinfexxu f' imgibiet li jkunu jinhtiegu pacenzja u simpatija. Kultant ir-residenti jidhru li ma jgharfukx jew issib diffikulta biex tikkomunika maghhom. Madankollu, dawk li jkollhom diffikultajiet fl-gharfien jiehdu hafna gid jekk ikollhom min izurhom.

Il-Kordinatur tieghek ikun jista' jaghtik parir dwar kif tibni relazzjoni mar-resident u jaghtik ideat dwar kif tgawdu l-hin li tghaddu flimkien. Jistghu jaghtuk parir dwar kif tittratta dawn il-kundizzjonijiet halli z-zjajjar tieghek jirnexxu u jkunu ta' sodisfazzjon ghal habibek u ghalik innifsek.

Jekk ir-resident, li tkun qed izzur, imut id-dar ghandha tavza lill-Kordinatur tieghek li jkun jista' jgharrfek qabel ma tmur ghal zjara ohra. Jekk id-dar ma tkunx tista' taqbad mal-Kordinatur tieghek, ghandhom jikkuntattjaw lilek. Il-Kordinatur jghinek, biex bil-mod tieghek, tkampa mat-telfa li tkun garrabt u jissapportjak f'dak iz-zmien difficli. Tista' titlob lill-Kordinatur tieghek biex imur ghall-

funeral mieghek.  Tista' tkun trid tiehu ftit taz-zmien qabel ma tikkunsidra li tiltaqa' ma' residenti ohra.

## Dmir Legali u Inxurans

L-impjegati tad-dar tal-kura ghall-anzjani ghandhom "dmir legali" lejn ir-residenti.  Dan ifisser li jridu jiehdu hsieb il-protezzjoni, l-kura u s-sigurtà generali tar-residenti li joqoghdu fid-dar.

Bhala vizitatur komunitarju, inti wkoll ghandek "dmir legali". Dan ifisser li ghandek tuza s-sens komun meta zzur lil habibek u li tuza l-prudenza u hsieb ragjonevoli f'kull attività li taghmlu flimkien.

Jekk tkun qed tahseb f'xi attività  gdida jew wahda li trid iktar energija mis-soltu, ghandek tkellem lill-impjegati tad-dar minn qabel.  Meta taghmel dan u meta tiehu hsieb sewwa tar-resident waqt iz-zjajjar, tista' sserrah mohhok li tkun qghadt attent b'mod ragjonevoli.

Kull patronat huwa mehtieg li jiehu inxurans kontra l-indennità pubblika u l-korriment personali ghall-vizitaturi komunitarji. Tkellem mal-Kordinatur tieghek dwar kif tkoprik l-inxurans tal-patronat.

## Relazzjonijiet mal-Impjegati tad-Dar

Bhala vizitatur komunitarju jkollok kuntatt ma' numru ta' impjegati.  In-nies li jiehdu hsieb anzjani debboli ghandhom xoghol iebes ghad li huwa ta' sodisfazzjon.  Huma nies dedikati li jahdmu hafna biex jipprovdu kura f' ambjent bhal ta' dar.

L-impjegati tad-dar ghandhom jissapportjaw lill-vizitaturi komunitarji u jaghtuhom merhba fid-dar.  Jistghu jghinuk fir-rwol tieghek kif ikun mehtieg.

Jekk ikollok xi thassib dwar l-impjegati tad-dar, ghandek titkellem mal-Kordinatur tieghek.

# Minn Fejn Nista' Nikseb  Sapport u Iktar Taghrif?

Jekk tkun tixtieq iktar taghrif jew sapport, l-ewwel ghandek titkellem mal-Kordinatur tieghek.  Huma jkunu jistghu jghinuk u jistghu wkoll jaghtuk iktar taghrif dwar l-organizzazzjonijiet relatati.

Hemm numru kbir ta' organizzazzjonijiet madwar l-Awstralja li twaqqfu biex jiehdu hsieb il-qaghda tal-anzjani, inkluz id-Department of Health and Ageing (id-Dipartiment tas-Sahha u l-Anzjanità) li jista' jghin f'certi materji.  Jista' jkun ukoll li tixtieq tikkuntattja Centru Federali ta' Centrelink b' TELEFONATA BLA HLAS fuq 1800 052 222, jew tidhol fil-website tal-Commonwealth Carelink Programme f' CommCareLink.health.gov.au.  Carelink hija s-servizz nazzjonali li jipprovdi taghrif ta' min joqghod fuqu dwar il-komunità, dwar il-materji tal-kura ghall-anzjani, dizabbiltà u servizzi ohra ta' sapport.

Dokument 1

Skema Federali tal-Vizitaturi Komunitarji

# NOTA TA' FTEHIM (MEMORANDUM OF UNDERSTANDING)

Bejn ______________________ u ______________________

(Isem il-voluntier) *(Isem l-organizzazzjoni)*

Jiena, ______________________________________________

li noqghod ______________________________________________

filwaqt li nintrabat bhala Vizitatur Komunitarju, b'din in-nota naccetta li;

1. Inzur resident maghzul fuq bazi regolari (talanqas darba fil-hmistax) bl-iskop ta' hbiberija u kumpanija

2 Naghti lista bid-dati taz-zjajjar lill-Kordinatur

3. Nirrispetta d-drittijiet tar-residenti li jinkludu l-konfidenzjalità u l-privatezza

4. Nezercita l-obbligu legali l-hin kollu. Id-dmir legali tal-Vizitaturi Komunitarji huwa l-uzu tas-sens komun u li nuza prudenza ragjonevoli f'kull attività li naghmel mar-resident

5. Ngharraf lill-Kordinatur jekk ikolli xi diffikultajiet fiz-zjajjar

6. Ngharraf lill-Kordinatur jekk jigri xi accident jew jinqala xi incident waqt xi zjara

7. Ngharraf lill-Kordinatur jekk inkun irrid nieqaf miz-zjajjar ghal xi zmien jew ghal kollox

8. Ngharraf lill-Kordinatur jekk ma nkunx irrid nibqa' nzur lil certu resident

Nifhem li bhala Vizitatur Komunitarju mghandix:

1. Nghasses l-istandards tad-dar tal-kura ghall-anzjani

2. Ninvolvi ruhi fl-investigazzjoni jew fit-tiftix ta' soluzzjoni ghall-ilmenti

3. Nisfratta r-relazzjonijiet bejn ir-residenti u l-familji taghhom, l-impjegati jew relazzjonijiet ohra.

4. Ikolli access ghar-records ta' kura jew personali tar-resident jew ninvolvi ruhi fl-affarijiet finanzjarji tar-resident

5. Nipprovdi kura medika jew personali lir-resident

6. Nindahal jew b'xi mod ninvolvi ruhi fit-tmexxija ta' kuljum tad-dar tal-kura ghall-anzjani

7. Niehu post l-impjegati medici, tal-attivitajiet u tat-terapija fid-djar tal-kura ghall-anzjani

8. Inzur residenti ohra minghajr l-approvazzjoni tal-Kordinatur tal-Iskema tal-Vizitaturi Komunitarji

**Iffirmat** ______________________________

*(Vizitatur Komunitarju)*

______________________________

*(Ufficjal Awtorizzat f' isem l-organizzazzjoni garanti)*

**Data** ______________

**Xhud** ______________________________